MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2010

Talba Numru. 796/2009

**Vodafone Malta Limited C-10865)**

**vs**

**Francis Formosa ID-409470m**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta Settembru 2009, fejn intalab sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' Euro472.51c (erba' mija u tnejn u sebghin ewro u wiehed u hamsin centezmu) rapprezentanti bilanc li ghandu dovut in konnessjoni servizz ta' telephone cellulari bin-numru 99039339.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment ma dana l-att u bl-imghaxijiet mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attur ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Ra illi ghalkemm il-konvenut kien notifikat legalment b'dawn il-proceduri huwa naqas li jikkontesta t-talba attrici u anqas ma deher la fis-seduta tal-15 ta' Jannar 2010, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni tieghu u lanqas ghas-seduta ta' llum, u ghalhekk in-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal qieghed jilqa' t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma kif rikjesta fl-ammont ta' Euro472.51c (erba' mija u tnejn u sebghin ewro u wiehed u hamsin centezmu) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-prezentata tal-odjern avviz u bl-ispejjes kollha ta' din l-istanza kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------